

# Is-Sbuħija tat-Titular

Is-Sur Anthony Bonnici - President Onorarju



Festi f'Malta jsiru bl-għexieren. Hemm min jippreferi jħares u jevalwa l-kobor u l-ġmiel tal-festa minn kemm isir tiżjin fil-knisja jew fit-toroq. Hemm oħrajn li għalihom festa kbira hija dik fejn ikun hemm ħafna murtali jew kemm isiru marċi u l-kobor tal-briju. Issib saħansitra oħrajn li jħarsu lejn kemm nies jiġu attirati għall-festa u oħrajn iħarsu aktar lejn kemm isir kummerċ. Bla dubju hemm ukoll min ikejjel il-kobor tal-festa skont jekk hijiex waħda titulari jew sekondarja.

Illum insibu ħafna festi sekondarji li kibru fl-istatura tagħhom. Hawn min jaqbillu jirraġuna u jgħid li ċertu festi sekondarji kibru jew saħansitra jażżarda jgħid li għaddew lill-festi titulari. Dan it-tip ta' argument jagħmlu min b'mod partiġġjan jara biss dak li jaqbillu. Niftakar qisu l-bieraħ meta kont nattendi l-iskola primarja taż-Żurrieq madwar 36 sena ilu, meta kont diġà bdejt nargumenta u nħaqqaqa fuq il-festi ma' subien oħra fil-klassi li kellhom simpatija lejn il-festa l-oħra ta' raħalna. Niftakar li dak iż-żmien il-festa sekondarja fiż-Żurrieq kienet verament żgħira, tant li kienu jarmaw il-pjazza biss u l-baned kienu jibdew mis-sibt (lejlet il-festa) filgħaxija. Madanakollu sħabi tal-klassi li rreferejt għalihom aktar 'il fuq u li għadna ħbieb sal-lum, xorta kienu jsostnu li l-festa tagħhom kienet l-akbar u l-aqwa.

Issib ħafna li jirreferu għal ċertu festi bħala festi li huma mogħnija b'kollox. Anke hawn issib min jipprova jagħti l-interpretazzjoni tiegħu, iżda jien ser nikkonċentra biss fuq kif nara s-sitwazzjoni jiena personali u naħseb li ma nkunx iżolat waħdi fi ħsiebi. Jien ser nikkonċentra fuq is-sbuħija, il-qawwa u l-kobor tat-TITULAR.

Fis-sens liturġiku, il-patrun huwa dak il-qaddis li minħabba tradizzjoni antika jew għażla popolari jkun meqjum b'ċerta venerazzjoni mill-kleru u poplu ta' post partikulari bħala protettur u interċessur tagħhom quddiem Alla. Sa mill-ewwel żminijiet tal-knisja, l-insara bdew iħarsu lejn l-Appostli, Martri u Konfessuri bħala qaddisin interċessuri u bdew ukoll jadottaw isimhom. Hekk sa fis-sena 386 Sant Ambroġ ta'

Milan isejjaħ lil San Ġervasjo u San Protasjo bħala qaddisin tal-knisja tiegħu. Insibu wkoll li fl-istess żmien, San Paolino di Nola jsejjaħ lil San Feliċ Martri, li lejh kienet iddedikata l-Knisja tal-post, bħala patrun tal-lokal. Sal-lum fil-Knisja Kattolika, il-qaddisin patruni għadhom jingħataw ukoll bħala protetturi ta' postijiet, pajjiżi, persuni u organizzazzjonijiet. Jingħataw ukoll bħala protetturi ta' knejjes, u f'dan is-sens il-qaddis patrun ikun ukoll titular.

Skont il-liġi tal-knisja, kull knisja kkonsagrata jrid ikollha titular ta' xi qaddis, mistier tal-Fidi, tal-Anġli, jew tal-Madonna. La darba jkun ingħata, dan il-titolu ma jistax jerġa' jinbidel u ta' kull sena għandha ssirlu l-festa.

Il-Knisja taż-Żurrieq għandha bħala titular lil Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra, waħda mill-qaddisin popolari fi ħdan il-knisja. Il-qima lejha hija mferrxa mad-dinja kollha. Insibu li fil-Punent il-qima lejn Santa Katarina xterrdet b'ħeffa tal-għaġeb ġa sa mill-ewwel millenju. F'nofs is-seklu tmienja, ix-xbieha tagħHa tfaċċat f'Ruma. Huwa mas-seklu ħdax li l-kult lejn il-qaddisa jibda jsir dejjem aktar popolari, u l-festa tagħHa tibda ssir aktar spiss fil-messalli, sagramentari u brevjari, b'mod illi sas-seklu tnax il-kult ta' Santa Katarina kien infirex u stabillixxa ruħu mal-Ewropa kollha. M'hemmx dubju li l-kult ta' Santa Katarina u ta' bosta qaddisin oħrajn niżel Malta mill-Italja t'isfel u Sqallija, bħala riżultat tal-programm ta' kristjanizzazzjoni sistematika tal-gżejjer Maltin, u qrib l-aħħar snin tas-seklu erbatax (1300) stabilixxa ruħu mal-oriġini parrokjali tal-*cappella* taż-Żurrieq.

Ir-rabta ta' Santa Katarina maż-Żurrieq tmur lura sa l-ibagħad żminijiet u sal-istess oriġini tar-raħal bħala parroċċa. Mill-istorja nafu li fl-1436 il-knisja taż-Żurrieq kienet waħda minn tnax il-*cappelle,* kelma li fit-terminoloġija ta' dak iż-żmien kienet tfisser parroċċa. Iżda din il-parroċċa kienet ilha xi żmien stabbilita, għalkemm la nafu meta u anqas kif twaqqfu dawn il-parroċċi anzjani ta' Malta.


***Il-Knisja ta-Żurrieq minn ġewwa fl-1893. Ritratt meħud b'tifkira ta' meta l-Parroċċa ngħatat it-titlu Arċipretali mill-Papa Ljun XIII***

L-ewwel dokument li nafu bih sa issa u li jorbot lil Santa Katarina bħala patruna tal-parroċċa u titular taż-Żurrieq huwa kuntratt tat-30 ta' April 1506 li kien sar quddiem in-Nutar Consalvu Canchur, fejn il-knisja tar-raħal tissemma bħala *capella et parochie Sancte Catherine de lu Zurrico.* Minn dawk iż-żminijiet sal-lum, fid-dokumenti uffiċjali, isem il-knisja taż-Żurrieq tista' tgħid illi dejjem jidher bit-titolu ta' Santa Katarina miegħu. Għalhekk huma fqar fil-mentalità dawk kollha li jħossuhom imweġġa' li jassoċċjaw ruħhom mat-titular, tant li jagħżlu li jmorru jgħammdu jew jiżżewġu barra l-raħal sabiex mingħalihom jirrininzjaw jew jiċħdu lill-Qaddisa Patruna ta' raħalna.

Issib uħud li bla ebda mod ma jridu jsemmu isem Santa Katarina u jirreferu lejn il-knisja taż-Żurrieq bħala l-Knisja Parrokjali, fosthom għaqdiet mużikali, fratellanzi (suppost reliġjużi) u persuni oħra. Saħansitra wasalna fl-assurdita li meta titħabbar xi mewt tkun taf ma' min iżomm, jiddependi jekk isemmix il-knisja bit-titolu propju tagħha, jiġifieri 'il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Katarina taż-Żurrieq' jew sempliċiment 'il-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq'.

Din it-tip ta' mentalità fqira ma tnaqqas xejn lil Santa Katarina jew lit-titular li missirijietna għażlu mijjiet ta' snin ilu, iżda tagħmel biss għajb lil dawk kollha li jaħsbu li b'hekk ikunu qegħdin isibu xi tip ta' sodisfazzjon personali.

**Opri u Simboli**



Kull min idur dawra fil-knisja Arċipretali taż-Żurrieq iddedikata lill-Patruna Santa Katarina, wieħed jista' jammira diversi opri ta' preġju u simboli li jorbtu lill-Qaddisa Patruna għal dejjem maż-Żurrieq. Irrid insemmi fost l-iktar opri prestiġjużi tas-seklu tmintax, is-Salib tal-Kleru. Dan is-salib, li huwa opra prezzjuża tal-fidda, miksi b'ħafna ornati, fih ix-xbieha ta' kurċifiss indurat fuq il-faċċata u ta' Santa Katarina fuq in-naħa ta' wara. Dan is-salib joħroġ diversi drabi matul is-sena fil-purċissjonijiet tal-parroċċa u għalhekk nistgħu ngħidu li bħala l-Patruna, Santa Katarina tkun dejjem preżenti.



L-Altar Titulari ta' Santa Katarina fil-kor tal-Knisja, bil-kwadru mprezzabbli ta' Mattia Preti, u l-prospettiva klassika li ħadem fiha Lorenzo Gafa'. Fil-għoli tal-prospettiva tal-kor, fuq il-kwadru titular ta' Mattia Preti, kienu ġew minquxa l-kelmiet tal-antifona l-qadima: *Vieni Sponsa Christi Accipe Coronam* (Ejja Għarusa ta' Kristu w'irċievi l-kuruna). Fl-istess post illum nsibu l-versi li jiftaħ l-Innu tal-vespri: Catherinae Vox Triumphum (innu ta' rebħ lil Katarina), xhieda ta' kemm il-knisja taż-Żurrieq hija monument ħaj ta' qima lejha. Għalhekk f'kull festa li ssir ġewwa ż-Żurrieq, il-Knisja Parrokkjali tibqa' dejjem dominata mill-Qaddisa Patruna.

Mhux possibbli li f'dan l-artiklu nagħmel referenza għall-ornamenti sagri ta' preġju kbir li jintrama' jew jintuża fil-ġranet tal-festa titular, iżda ser nillimita ruħi għal dawk il-marki permanenti li jżejnu l-Knisja Parrokkjali u li tkun xi tkun l-okkażjoni jew festa jibqgħu dejjem jagħtu xhieda tal-għaqda dejjiema jew titular tal-Patruna Santa Katarina mar-raħal taż-Żurrieq.





Niġu issa sabiex nagħtu ħarsa lejn il-Festa Titulari u naraw kif din tisboq kull festa oħra:



**Il-Ħruġ solenni tal-Istatwa minn Niċċa**

L-Istatwa titulari ta' Santa Katarina V.M. toħroġ b'solennità kbira. Il-festa tibda minn ġol-Knisja li sa mill-ewwel tokki tal-festa tkun armata b'kollox. L-istatwa titpoġġa wara l-bieb prinċipali tal-Knisja sabiex isir il-ħruġ wara l-quddiesa, id-diskors tal-Arċipriet u l-kurunella. Ma jsirx marċ qabel jew waqt il-funzjoni tal-knisja sabiex l-attenzjoni kollha titpoġġa fuq id-devozzjoni. Qed nipproduċi ritratt li juri l-qabża kbira fis-solennità li hemm ma' kull ħruġ ieħor. Mat-tokki tal-qanpiena l-kbira, tinxtal il-faċċata tal-Knisja u jinfetaħ il-bieb prinċipali tal-Knisja. Hemm titfaċċa l-Istatwa Titulari u singulari bil-Majestà kollha tagħha. F'dan il-mument tidħol il-banda, li flimkien mad-daqq tal-qniepen, murtali, ċapċip u ferħ kbir, tingħata tislima xierqa u merħba solenni lil Santa Katarina V.M. bħala l-Qaddisa Patruna taż-Żurrieq. Għal festa Titulari l-ħin tal-ħruġ jista'

jkun x'ikun għax il-qniepen xorta jdoqqu. Ma' hemmx għalfejn wieħed ikun kostrett li joħroġ il-vara f'ħin sabiex tindaqq il-mota ta' nofs inhar.

**It-Translazzjoni bħala l-qofol tal-Festa**



L-ewwel ħjiel tat-Translazzji jitfaċċa fl-ewwel snin tas-seklu dsatax, meta lejlet il-festa tal-1818 kienet ġiet inawgurata l-istatwa ta' Santa Katarina. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Carlo de Giovanni Inglott ħallilna deskrizzjoni ta' dik l-okkażjoni li essenzjalment kienet ġiet magħquda mat-translazzjoni ta' qabel il-primi vespri. Fis-sustanza tagħha din hija t-translazzjoni tar-relikwija, u hu stess juża din il-kelma. It-translazzjoni tar-relikwija, bħall-purċissjoni, trid tmur lura saż-żmien meta l-Knisja akkwistat ir-relikwija tal-Qaddisa fis-seklu tmintax. Meta nsemmu r-relikwija u t-translazzjoni nkunu qegħdin nitkellmu dwar 'dedikazzjoni' tal-istess Knisja li takkwista parti mill-fdal tal-qaddisa Patruna u ssir b'hekk ċentru ta' qima. Imma fl-essenzjal tagħha, it-translazzjoni (trasferiment) tar-relikwija mhix għajr tifkira ta' dak li kien jiġri fl-ewwel żminijiet tal-knisja meta l-ġisem tal-martri kienu jkunu trasferiti mill-qabar oriġinali għall-knejjes ġodda pubbliċi bħala ċentri ta' kult, mibnija u mwaqqfin taħt il-patronċinju tal-istess titular.



Fi żmienna t-translazzjoni niftakruha ssir bil-kleru biss, minn fuq l-altar tar-Rużarju, taħt in-navati tal-pjazza, tul il-Knisja għall-altar maġġur. Fis-sena 1971 it-translazzjoni bdiet toħroġ ukoll fil-pjazza, mbagħad tmien snin wara, jiġifieri fis-sena 1979 bdiet toħroġ mill-Kappella ta' San Ġakbu fi Triq il-Kbira. It-translazzjoni hija l-akbar mument ta' sollenità tal-festa u għal din l-okkażjoni l-Knisja tuża l-apparat pontifikali tal-bellus irrakmat bid-deheb. Din hija l-unika darba li dan l-apparat prestiġjuż joħroġ barra mill-Knisja.

It-translazzjoni hija wkoll privileġġ kbir tat-Titular u li bilfors trid tingħata piż kbir meta wieħed jitkellem fuq liema festa hija mogħnija b'kollox.

**Il-Quddiesa Pontifikali ta Jum il-Festa**
Il-marċ ta' filgħodu fil-Festa Titulari jsir is-Sibt. Dan jissejjaħ ukoll il-marċ tat-Te Deum li propju jitkanta bħala tifħir u ringrazzjament lil Alla is-Sibt filgħodu. Dan ikompli jorbot dejjem iktar l-armonija li teżisti bejn il-festi ta' ġewwa l-Knisja u dawk esterni u jippermetti li Jum il-Festa jkun kollu kemm hu ddedikat għall-Festa Liturġika.


*Il-Karndinal Mario Ciappi fiż-Żurrieq fis-sena 1981 fl-okkażjoni tal-250 sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja Arċipretali ddedikata lill-Santa Katarina*

Mis-sena 1981 Jum il-Festa Titulari sar jiftaħ bin-noti ħelwin tal-banda meta mat-tokki tat-tmienja l-Banda Santa Katarina V.M. tilqa' lill-Konċelebrant tal-Quddiesa Pontifikali. Dan beda kollu fis-sena 1981 meta ż-Żurrieq laqa' fi ħdanu il-Kardinal Mario Luigi Ciappi meta fakkarna il-250 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Arċipretali ddedikata lill-Patruna Santa Katarina. Tista' tgħid din saret tradizzjoni li baqgħet tiġi rrispettata ta' kull sena.

Il-Quddiesa Pontifikali tkun twila ħafna però tibqa' ta' kull sena tiġbed lejha kwantità kbira ta' nies ta' kull età. Nistgħu ngħidu li l-Knisja tkun ippakkajata b'attenzjoni kbira għall-Paniġierku.



**Il- Purcissjoni Titulari**
Kif inhu xieraq, il-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Katarina, il-Patruna taż-Żurrieq, tkun ta' kull sena akkumpanjata mill-fratellanzi kollha taż-Żurrieq. Sfortunatament mhux il-fratellanzi kollha jakkumpanjaw il-purċissjoni b'lealtà kompleta lejn il-Qaddisa Patruna iżda nazzarda ngħid li xi uħud imorru sempliċement sabiex jonoraw l-obbligu. Dan jirriżulta mil-fatt li kważi kull sena tintwera reżistenza sabiex ma jintużax l-istandart il-prim, iżda dak sekond u spiss ikun hemm bżonn l-intervent tal-Arċipriet sabiex dan l-abbuż jinqata'.

Permezz ta' dan l-artiklu dorna dawra mal-preġji maġġuri tat-Titular. Hawn mhux qed nitkellmu fuq opinjonijiet tan-nies li kulħadd jinterpreta bil-lenti tiegħu u jargumenta kif jaqbel lilu, iżda qed inwasslu fatti konkreti li mat-titular ma hemmx

paraguni. Hemm wisq aktar xi tgħid u tikteb, bħal eżempju t-tiżjin tal-Knisja fil-ġranet tal-festa, id-daqq tal-qniepen, il-mixgħela tal-Knisja u dak kollu li jiddistingwi l-Festa Titulari mill-festi l-oħra kollha, iżda dan huwa wisq ovvju u li jista' jaraħ kulħadd ta' kull sena.

Dan l-artiklu żgur ser jgħin lil dawk kollha li jażżardaw jikkomparaw il-Festa Titulari ma' xi festa oħra jew jgħin jifhmu aħjar lil dawk li jippruvaw jagħtu nterpretazzjoni ta' xi tfisser verament **'festa kompluta minn kollox'**.





Il-Fratellanzi kollha tal-Parroċċa mdawwrin ma' Santa Katarina V.M. Patruna taż-Żurrieq



